

Brussell, 5 ta' Frar 2014
(OR. en)

6113/14
ADD 13

JAI 61
GENVAL 6

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Frar 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 38 final Anness 13
Suġġett:	ANNEX ĊIPRU għar- Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2014) 38 final Anness 13.

Mehmuż: COM(2014) 38 final Anness 13



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2014
COM(2014) 38 final

ANNEX 13

ANNESS

ĊIPRU

għar-

Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni

ĊIPRU

1. INTRODUZZJONI — ASPETTI EWLENIN U KUNTEST

Qafas kontra l-korruzzjoni

Approċċ strateġiku. Fuq rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (GRECO), fl-2003 Ċipru stabbilixxiet il-Korp ta' Koordinazzjoni kontra l-Korruzzjoni.¹ Il-Korp għandu mandat biex jiżviluppa strateġija kontra l-korruzzjoni, li għadha ma teżistix. Il-kompiti tal-Korp huma biex jeżamina miżuri eżistenti kontra l-korruzzjoni u jipproponi aktar miżuri jekk hemm bżonnhom, skont l-istandards internazzjonali u billi titqies is-sitwazzjoni f'Ċipru. Il-Korp għandu l-kompitu wkoll li jqajjem kuxjenza pubblika dwar ir-riskji tal-korruzzjoni u jippromovi l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-settur privat. Madankollu, il-Korp ma għandux persunal li jaħdem full-time.

Qafas ġuridiku. Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO, Ċipru ħadet passi biex tarmonizza d-dispożizzjonijiet dwar il-korruzzjoni fil-kodiċi kriminali u fl-iġijiet iżjed reċenti li jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-OECD tal-Liġi Kriminali dwar il-Korruzzjoni.² B'hekk tjebet il-konsistenza fir-rigward ta' pjeni finanzjarji għal reati ta' korruzzjoni.³ Filwaqt li jirrikonoxxi dan it-titjib, GRECO jirrakkomanda passi addizzjonali sabiex jitjiebu l-konsistenza u ċ-ċertezza tad-dritt, billi jitneħħew diskrepanzi fir-rigward ta' inkriminazzjonijiet u l-istat tal-evidenza. Sejjaħ ukoll biex isiru aktar sforzi biex jiġu applikati fil-prattika liġijiet li jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali dwar il-Korruzzjoni, li għadha qatt ma ġiet invokata f'każ kriminali ta' korruzzjoni. Ċipru abbolixxiet ir-rekwiżit għal kriminalità doppja fir-rigward tar-reati ta' tixħim u l-abbuż mill-influwenza barra mill-pajjiż, u stabbilixxa ġurisdizzjoni fuq reati ta' korruzzjoni li ġew kommissi barra mill-pajjiż minn uffiċjali pubbliċi domestiċi li huma ċittadini barranin.⁴ In-nuqqas ta' applikazzjoni fil-prattika illimita l-effett ta' deterrent ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi kontra n-nepotiżmu. L-ebda statuti ta' limitazzjonijiet ma japplikaw għal reati ta' korruzzjoni.

Qafas istituzzjonali. Il-Kummissjoni Indipendenti li Tinvestiga Ilmenti kontra l-Pulizija (IAIAC) tista' tinvestiga allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fi ħdan il-forza tal-pulizija. Maħtura mill-President, il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku għandha l-kompetenza li timponi pjeni dixxiplinarji fuq membri tas-servizz ċivili, iżda jonqosha setgħat investigattivi. Il-Kummissarju għall-Amministrazzjoni (Ombudsman) ilu jopera mill-1991.

Stħarriġ tal-opinjoni

Stħarriġ tal-perċezzjonijiet. 57 % ta' daww li ħadu sehem mill-pubbliku ġenerali fl-istħarriġ tal-Ewrobarometru rrapportaw li l-korruzzjoni tolqot il-ħajja ta' kuljum tagħhom (medja tal-UE ta' 26 %), u 78 % jaħsbu li hija mifruxa (medja tal-UE ta' 76 %).⁵ Barra minn hekk, 92 % qalu li t-tixħim u l-użu ta' konnoxxenzi personali ta' sikwit huma l-mod l-iżjed faċli biex jinkisbu ċerti servizzi pubbliċi (medja tal-UE ta' 71 %), filwaqt li 12 % qalu li l-miżuri tal-gvern kontra l-korruzzjoni huma effettivi (medja tal-UE ta' 23 %) u 14 % jaħsbu li dawn il-miżuri jiġu applikati b'mod imparzjali (medja tal-UE ta' 33 %). 83 % ta' Ċiprijotti (l-ogħla persentaġġ fl-

1 Ippresdut mill-Viċi Avukat Ġenerali, il-Korp jinkludi rappreżentanti tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubblika, il-Pulizija, l-Awditur Ġenerali u l-presidenti tal-kumitati parlamentari dwar kwistjonijiet legali u dwar istituzzjonijiet u valuri, kif ukoll il-presidenti tal-Kumitat Nazzjonali tal-Avukati u l-Istitut ta' Kontabilisti Pubbliċi Ċertifikati.

2 Liġijiet 23(III)/2000 u 22(III)/2006.

3 Il-piena massima żdiedet minn EUR 17 000 għal EUR 100 000.

4 [http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoRC3\(2012\)24_Cyprus_EN.pdf](http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoRC3(2012)24_Cyprus_EN.pdf).

5 Ewrobarometru Speċjali 397 tal-2013.

UE) qalu li l-uniku mod kif wieħed jista' jirnexxi fin-negozju huwa permezz ta' konnessjonijiet politiċi, u 90 % jaħsbu li rabtiet wisq mill-qrib bejn il-qasam tan-negozju u l-politika jwasslu għall-korruzzjoni (ukoll l-ogħla persentaġġ fl-UE).⁶

Esperjenza ta' korruzzjoni Fl-Ewrobarometru Speċjali 397 tal-2013 3 % qalu li ntalbu jew kienu mistennija jxaħħmu lil xi ħadd għal servizzi riċevuti matul l-aħħar 12-il xahar (medja tal-UE ta' 4 %).⁷ 12 % ta' dawk li wiegħbu l-istħarriġ qalu li esperjenzaw jew kienu xhieda ta' każ ta' korruzzjoni matul l-aħħar 12-il xahar (medja tal-UE ta' 8 %); minn dawn 87 % ma rrapportawx il-każ (medja tal-UE ta' 74 %).⁸

Stħarriġ tan-negozji 85 % tal-intraprendituri jaħsbu li l-preferenzi u l-korruzzjoni jxekklu l-kompetizzjoni fin-negozju f'Ċipru (medja tal-UE ta' 73 %).⁹ 64 % tan-negozjati Ċiprijotti qalu li l-korruzzjoni hija problema għall-kumpanija tagħhom (medja tal-UE ta' 43 %).¹⁰

Kwistjonijiet fl-isfond

Kuntest ekonomiku. Bħala parti mill-ftehim ta' salvataġġ li ntlaħaq mal-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Fond Monetarju Internazzjonali, Ċipru impenjat ruħha biex issaħħaħ is-superviżjoni tal-banek u qafas regolatorju u li ssaħħaħ it-trasparenza tal-informazzjoni finanzjarja. Ċipru wiegħdet ukoll li ssaħħaħ il-qafas kontra l-ħasil tal-flus, abbażi ta' awditu indipendenti tal-implimentazzjoni tagħha fl-istituzzjonijiet ta' kreditu. Impenji speċifiċi jinkludu li jiġi permess l-iskambju internazzjonali ta' intelliġenza finanzjarja mingħajr ordni tal-qorti, biex jiġi żgurat li l-amministraturi kollha ta' fondi fiduċjarji taħt il-liġi Ċiprijotta jkunu regolati jew reġistrati b'xi mod, u b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni f'waqtha u preċiża dwar is-sjeda benefiċjarja ta' entitajiet ġuridiċi reġistrati f'Ċipru.¹¹ Il-gvern ħatar ukoll kumitat biex jindaga dwar il-kawżi tal-kriżi finanzjarja. Il-kumitat huwa magħmul minn persuni li kienu mħallfin ta' grad għoli, u ngħata l-kompitu li jinvestiga allegazzjonijiet li l-banek kienu ħassru self minn debituri b'konnessjonijiet politiċi, u li oħrajn kienu bbenefikaw minn informazzjoni privileġġata qabel ma ġew imposti kontrolli tal-kapital.¹² L-ekonomija moħbija rrappreżentat 26 % tal-PDG fl-2012.¹³

Settur privat. Ċipru ttrasponiet b'mod korrett il-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 2003/568/JHA dwar id-definizzjoni ta' korruzzjoni attiva u passiva fis-settur privat, kif ukoll il-pieni applikabbli għal persuni fiżiċi u ġuridiċi.¹⁴ Il-leġiżlazzjoni tipprevedi kemm responsabbiltà amministrattiva kif ukoll kriminali ta' persuni ġuridiċi għal reati relatati mal-korruzzjoni.¹⁵ Fl-Indiċi Globali tal-Kompetittività tal-2013, Ċipru kienet fit-58 post minn 148 pajjiż.¹⁶

Aċċess għal informazzjoni. Diversi liġijiet għandhom l-għan li jipproteġu d-dritt għal informazzjoni li għandhom istituzzjonijiet pubbliċi, li ħafna minnhom żviluppaw proċeduri

6 Ewrobarometru Speċjali 397 tal-2013.

7 Ewrobarometru Speċjali 397 tal-2013.

8 Ewrobarometru Flash 374 tal-2013.

9 Ewrobarometru Flash 374 tal-2013.

10 Ewrobarometru Flash 374 tal-2013.

11 Ittra ta' intenzjoni, Memorandum ta' Politiki Ekonomiċi u Finanzjarji, u Memorandum ta' Fehim Tekniku, 29 ta' April 2013, <http://www.imf.org/external/np/loi/2013/cyp/042913.pdf>.

12 Il-kumitat ħareġ ir-rapport tiegħu f' Settembru 2013. L-Avukat Ġenerali waqqaf unità investigattiva biex tikkunsidra jekk ir-rapport fihx kwistjonijiet ċivili jew kriminali li għandhom jittressqu l-qorti.

13 http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/themes/06_shadow_economy.pdf.

14 COM(2011) 309 finali, Brussell, 6.6.2011.; http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/docs/report_corruption_private_sector_en.pdf.

15 Ratification Law L. 25(III)/2008.

16 http://www3.weforum.org/docs/GCR2013-14/GCR_Rankings_2013-14.pdf.

rilevanti.¹⁷ Madankollu, Ċipru ma għandhiex leġislazzjoni ġenerali dwar l-aċċess għal informazzjoni, minkejja rakkomandazzjoni tal-GRECO biex id-dispożizzjonijiet kostituzzjonali jiġu kkomplementati minn liġi li tirregola l-aspetti prattiċi.¹⁸ Hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni minn ministru biex jingħata aċċess għal dokumenti tal-gvern.¹⁹ Seduti parlamentari dwar il-libertà tal-informazzjoni jindikaw nuqqas ta' riżorsi biex jiġu mwieġba talbiet ġuridiċi għal informazzjoni.²⁰ F'test li sar fl-2010, aġenziji pubbliċi wieġbu b'mod sħiħ għal 8 % minn total ta' 220 talba għal informazzjoni li tressquhom, u ma taw l-ebda tweġiba għal 73 % minnhom.²¹ Il-websajts tal-korpi governattivi ġeneralment ma jkunx fihom dettalji aġġornati dwar baġits jew kuntratti ta' akkwist li ġew iffirmati.

Żvelar ta' informazzjoni protetta. Uffiċjali pubbliċi għandhom l-obbligu li jirrapportaw każijiet ta' korruzzjoni lis-superviżuri tagħhom u bil-miktub, bl-evidenza li tappoġġja l-allegazzjonijiet meħmuża.²² Il-Kodiċi ta' Etika għal Uffiċjali Pubbliċi ġdida, ippubblikat f'Ġunju 2013, jobbliga lill-uffiċjali pubbliċi biex jirrapportaw (mhux bilfors bil-miktub) lill-awtoritajiet superviżorji tagħhom kull azzjoni ta' korruzzjoni li jsiru jafu biha. Il-Liġi tax-Xogħol tesiġi raġunijiet oġġettivi għat-tkeċċija ta' uffiċjali u l-Liġi tas-Servizz Ċivili tipprevedi piena ta' ħabs jew piena finanzjarja għal dawk li jimponu piena mhux ġustifikata fuq informatur talli rrapporta dwar korruzzjoni.²³ Madankollu, id-dispożizzjoni ma tkoprix protezzjoni wara d-divulgazzjoni jew f'każijiet fejn superviżuri jonqsu milli jagħmlu segwitu, jew ikunu huma stess parti mill-problema. Wara splużjoni f'bażi navali fl-2011, uffiċjali għoljin Ċiprijotti appellaw għal liġi ġdida li ttiproteġi 'l informaturi li jiżvelaw abbuż tal-poter jew xi mġiba illegali oħra fis-settur pubbliku u privat.²⁴

Trasparenza tal-lobbying. Il-lobbying ma jiġix irregolat f'Ċipru. Ma hemm l-ebda obbligu speċifiku li l-lobbyists iridu jiġu rreġistrati jew li l-kuntatti bejn l-uffiċjali pubbliċi u l-lobbyists iridu jiġu rappurtati.

2. KWISTJONIJIET FIL-MIRA

Kunflitti ta' interess u l-iżvelar tal-assi

Liġi dwar l-arrikkiment illeċitu ta' ċerti uffiċjali pubbliċi, mill-ewwel snin tar-Repubblika, ħolqot ir-reat ta' akkwist illegali ta' proprjetà minn ministri, Membri tal-Parlament, sindki u uffiċjali għoljin oħra.²⁵ Emendata fl-2004 u fl-2008, il-liġi tipprevedi l-konfiska ta' assi li ġew akkwistati permezz ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tagħha.²⁶ L-ebda każ ma ġie rappurtat taħt din il-liġi.

17 Il-Liġi dwar l-Aċċess Pubbliku għal Informazzjoni Ambjentali (L. 119(I)/2004) tobbliga lill-awtoritajiet pubbliċi biex jagħmlu disponibbli informazzjoni dwar l-ambjent, il-Liġi dwar l-Użu mill-Ġdid ta' Informazzjoni tas-Settur Pubbliku (L. 132(I)/2006) tipprovdi regoli dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni li tinżamm minn korpi tas-settur pubbliku, il-Liġi tal-Arkivji tal-Istat (L. 208/1991) tipprovdi għal aċċess pubbliku għal rekords miżmuma mill-Arkivji Statali u mill-korpi kollha li jipproduċu rekords pubbliċi.

18 It-tieni rawnd ta' evalwazzjoni tal-GRECO,

[http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round2/GrecoRC2\(2008\)1_Cyprus_EN.pdf](http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round2/GrecoRC2(2008)1_Cyprus_EN.pdf).

19 Liġi tal-Arkivji tal-Istat, Artikolu 8(1).

20 Seduti parlamentari dwar il-libertà tal-informazzjoni f'Mejju 2009.

21 <http://www.accessinfocypus.eu/images/access->

[info/final_report/Draft_Report_and_Recommendations_for_Consultation_24_Feb_2011_web.pdf](http://www.accessinfocypus.eu/images/access-info/final_report/Draft_Report_and_Recommendations_for_Consultation_24_Feb_2011_web.pdf).

22 Artikolu 69A tal-Liġi tas-Servizz Ċivili.

23 Sezzjoni 9 tal-Liġi Nru 7(III)/2004.

24 Kummenti mill-Kummissarju tal-Ambjent ta' Ċipru f'Lulju 2011.

25 Liġi 65/1965.

26 http://www.cylaw.org/nomoi/arith/2008_1_62.pdf.

Bħalissa ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni li tobbliga lill-politiki jew lill-uffiċjali għoljin jiżvelaw l-assi tagħhom. Liġi adottata għal dan il-għan ma daħlitx fis-seħħ minħabba li nstab li kienet tikkontradixxi dispożizzjonijiet kostituzzjonali dwar il-privatezza.²⁷ GRECO esprima t-tama li tinstab soluzzjoni li permezz tagħha jiġu rikonċiljati l-konsiderazzjonijiet kostituzzjonali mal-ħtieġa għal trasparenza tal-assi ta' uffiċjali għoljin.²⁸

Ġiet abbozzata mill-Ombudsman Kodiċi ta' Kondotta għall-Uffiċjali Pubbliċi li ġiet approvata mill-Kunsill tal-Ministri.²⁹ Il-Kodiċi tgħid li uffiċjali pubbliċi għandhom iġibu ruħhom b'mod xieraq, b'mod onest, indipendenti, kompetenti, u b'integrità u professjonaliżmu fil-kuntatti li jkollhom ma' kollegi u mal-pubbliku. Uffiċjali pubbliċi huma obbligati wkoll li jirrapportaw kunflitti ta' interess potenzjali. L-Akkademja tal-Uffiċjali Pubbliċi se torganizza taħriġ dwar il-Kodiċi ġdida. Ir-rapport Poliviou, ikkummissjonat mill-gvern wara l-isplużjoni fil-bażi navali f'Lulju 2011, irrakkomanda fost affarijiet oħra li membri tas-servizz ċivili jiġu inkoraġġuti jqiegħdu l-interess pubbliku qabel l-interessi personali jew ta' partit politiku.³⁰

Liġi tal-2007 tirregola każijiet fejn uffiċjali jiċċaqqalqu mis-settur pubbliku għal dak privat. Kumitat speċjalizzat indipendenti, li l-membri tiegħu jiġu mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, jiddeċiedi jekk għandux jawtorizza dawn it-trasferimenti jew jipprojbixxi l-ħidma fin-negozju rilevanti sa perjodu ta' sentejn. Li wieħed jonqos milli jakkwista permess jew jikkonforma ma' din il-projbizzjoni jikkostitwixxi reat kriminali.³¹ Madankollu, ma jeżistux wisq rekords pubbliċi li juru sa liema punt dawn id-dispożizzjonijiet ġew applikati fil-prattika. Tqajmu xi mistoqsijiet dwar konsulenti miftuħa minn membri rtirati ta' kariga għolja tas-servizz ċivili, u l-ħatra ta' ministri tal-finanzi ta' qabel f'pożizzjonijiet fil-qasam bankarju, mingħajr perjodu ta' preklużjoni.

Liġi tal-2008 tgħid li ċerti inkarigi, inkluż dak ta' Membru tal-Parlament, huma inkompatibbli mal-eżerċitar ta' attivitajiet speċifiċi.³² Il-Liġi tistabbilixxi proċeduri fil-każ li tiġi skoperta inkompatibilità qabel jew wara li persuna tiegħu l-inkarigu, tonqos milli tiddikjara inkompatibilità, u l-konsegwenzi tal-inkompatibilità fuq azzjonijiet li jittieħdu taħtha. Il-pieni għal dikjarazzjoni foloz jinkludu multa sa EUR 1 700 jew ħabs sa perjodu ta' sena, jew it-tnejn li huma.

Wara li saru allegazzjonijiet fl-2009 li ministru kien baġħbas fil-ħatriet u l-promozzjonijiet, żewġ uffiċjali għoljin, iżda mhux il-ministru nnifsu, ġew mixlija mill-Avukat Ġenerali. Fl-2012 iż-żewġ uffiċjali nstabu ħatja ta' favoritiżmu u rċevew multa; l-ammonti tal-multi qajmu xi mistoqsijiet fir-rigward ta' kemm huma disważivi l-pieni għal dawn it-tipi ta' każijiet.³³

Il-pubbliku Ċiprijott qed jagħraf dejjem iżjed il-ħtieġa għat-trasparenza fir-rigward tal-assi ta' uffiċjali u politiċi f'inkarigi għoljin. Għall-ewwel darba, it-tliet kandidati presidenzjali ppubblikaw b'mod volontarju listi ta' assi u self qabel l-elezzjonijiet presidenzjali ta' Frar 2013. Wara l-elezzjonijiet il-President talab ukoll lill-ministri biex jiżvelaw l-assi tagħhom u biex jiffirmaw

27 Deċiżjoni 2/99 tal-Qorti Għolja tat-12 ta' Mejju 2000. http://www.cylaw.org/cgi-bin/open.pl?file=apofaseis/aad/meros_3/2000/3-200005-ana2-99.htm&qstring=ανωτατο.

28 Rapport ta' Konformità tal-GRECO dwar Ċipru (L-Ewwel Rawnd ta' Evalwazzjoni) (12 ta' Diċembru 2003) http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round1/GrecoRC1%282003%2913_Cyprus_EN.pdf.

29 Ombudsman. (2013) Οδηγός Συμπεριφοράς και Δεοντολογίας Δημοσίων Υπαλλήλων. [http://www.ombudsman.gov.cy/Ombudsman/Ombudsman.nsf/All/0BEF79D468209AF4C2257B7B004287DE/\\$file/οδηγός%20συμπεριφοράς%20και%20δεοντολογίας.pdf?OpenElement](http://www.ombudsman.gov.cy/Ombudsman/Ombudsman.nsf/All/0BEF79D468209AF4C2257B7B004287DE/$file/οδηγός%20συμπεριφοράς%20και%20δεοντολογίας.pdf?OpenElement).

30 Rakkomandazzjoni 12, pp. 584-588.

31 Liġi nru 114(I)/2007.

32 Liġi 7(I)/2008.

33 EUR 1 000 u EUR 2 000 rispettivament.

kodiċi ta' kondotta. Id-dikjarazzjonijiet ta' ministri ġew maħruġa fil-pubbliku f'Lulju 2013. Din it-tendenza pożittiva tkun konsolidata minn mekkaniżmu statutorju ta' żvelar tal-assi li jinkludi l-mezzi biex jiġu verifikati dikjarazzjonijiet, akkumpanjati minn pieni disważivi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità.

Il-Kumitat Parlamentari għall-Affarijiet Legali qed jikkunsidra abbozz ta' emenda tal-Artikolu 15 tal-Kostituzzjoni sabiex jiġi permess l-iżvelar tal-assi għal raġunijiet ta' trasparenza tal-ħajja pubblika u l-prevenzjoni ta' korruzzjoni. Emenda bħal din għandha ttejjg t-triq għal bidliet leġiżlattivi oħra proposti biex jissaħħaħ il-qafas fir-rigward tal-iżvelar tal-assi tal-President, tal-ministri u tal-Membri tal-Parlament³⁴ kif ukoll ta' uffiċjali pubbliċi oħra.³⁵

Mhemmx kodiċi ta' kondotta jew proċedura dixxiplinarja għall-Membri tal-Parlament. Il-Kumitat tal-Etika tal-Parlament jirrevedi proposti leġiżlattivi rilevanti iżda ma għandu l-ebda rwol fl-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' integrità individwali.³⁶ Ir-regoli ta' proċedura tal-Parlament jobbligaw lill-Membri tal-Parlament jiddikjaraw l-interessi personali tagħhom b'rabta ma' proposti ta' liġijiet li qed jiġu diskussi fil-bidu ta' laqgħa jew f'dak il-punt meta dan l-interess isir evidenti.

Finanzjament tal-partiti politiċi

F'Diċembru 2012 daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi.³⁷ Huwa jwieġeb għal għadd ta' suġġerimenti li tressqu mill-GRECO. L-Att għandu l-għan li jiżgura aktar responsabbiltà u jipprovi standards magħquda għall-kontabilità tal-partiti politiċi u għall-awditjar tal-kontijiet tal-partiti, u jestendi mhux biss għad-dħul u l-ispejjeż iżda wkoll għall-assi u d-dejn. Il-leġiżlazzjoni tkopri l-partiti politiċi u entitajiet assoċjati, inklużi korpi affiljati bħal klabbs taż-żgħażaġh u assoċjazzjonijiet tal-istudenti.

Għalkemm l-adozzjoni tal-Att tal-2012 tirrappreżenta pass importanti 'l quddiem, mhijiex biżżejjed biex jintlaħaq il-livell meħtieġ ta' trasparenza u responsabbiltà.³⁸ Għadhom ma ġewx koperti tliet elementi: l-Att ikopri partiti iżda mhux kandidati individwali; ma jinkludix dispożizzjonijiet separati għall-monitoraġġ tal-finanzi relatati ma' kampanji elettorali jew ta' donazzjonijiet individwali 'l fuq minn limitu speċifiku; u ma ġietx prevista l-pubblikazzjoni f'waqtha u komprensiva tal-kontijiet tal-partiti.

Taħt l-Att tal-2012, il-partiti jridu jippreżentaw kontijiet annwali komprensivi għal awditjar indipendenti. Inklużi f'dawn il-kontijiet annwali huma d-dħul u l-infiq b'rabta mal-elezzjonijiet, iżda mhemmx obbligu biex dawn l-ammonti jitqiesu separatament, kif kien irrakkomanda l-GRECO, sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tad-dħul u l-infiq elettorali.³⁹ Barra minn hekk, mhemmx regoli dwar id-dħul u l-infiq elettorali ta' kandidati individwali. L-Att tal-2012 stabbilixxa limiti fuq donazzjonijiet, iżda l-livell ta' dawn il-limiti — EUR 1 000 fis-sena għal donazzjonijiet anonimi u EUR 50 000 fis-sena għal donazzjonijiet minn individwi u kumpaniji identifikati — huwa pjuttost għoli.⁴⁰ GRECO qajjem xi tħassib ukoll dwar in-nuqqas ta'

34 Liġi 49(I)/2004.

35 Liġi 50(I)/2004.

36 L-isem uffiċjali tal-Kumitat tal-Etika tal-Parlament huwa l-Kumitat dwar l-Istituzzjonijiet, il-Merti u l-Kummissarju għall-Amministrazzjoni.

37 Liġi dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi AR 4371, 17.12.2012, N. 175(I)/2012

http://www.cylaw.org/nomoi/arith/2012_1_175.pdf

38 GRECO, it-Tielet Rawnd ta' Evalwazzjoni, Rapport ta' Konformità dwar Ċipru, GRECO RC-III (2012) 24E.

http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoRC3%282012%2924_Cyprus_EN.pdf.

39 Ibid.

40 Il-limiti ta' aċċettazzjoni permissibbli għal donazzjonijiet jirrappreżentaw żieda tal-ammonti preċedenti li marru ħafna lil hinn mil-limiti li GRECO kien aċċetta fir-rigward ta' Stati Membri oħra. Rapport ta' Evalwazzjoni ta' GRECO dwar Ċipru fuq

rekwiżiti għall-iżvelar. L-Att tal-2012 jobbliga lill-partiti politiċi u l-affiljati tagħhom jippubblikaw l-ammont ta' kull donazzjoni anonima li rċevew matul is-sena, iżda ma jipprevedix il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar donazzjonijiet oħra. Għaldaqstant, mhemmx l-obbligu li tiġi żvelata l-identità ta' donaturi jew l-ammont ta' donazzjonijiet riċevuti minn individwi u kumpaniji identifikati. Kumpaniji statali jistgħu jisponsorjaw avvenimenti ta' partiti politiċi (jew avvenimenti organizzati minn entitajiet relatati bħal assoċjazzjonijiet jew fondazzjonijiet) sa EUR 20 000 fis-sena.⁴¹

Ċipru għadha mhijiex konformi ma' rakkomandazzjoni ta' GRECO biex tistabbilixxi mekkaniżmu superviżorju indipendenti fir-rigward tad-dħul u l-infiq tal-kandidati għall-elezzjonijiet. Il-Kumitat Parlamentari għall-Affarijiet Interni se jikkunsidra din il-kwistjoni.⁴² 9 % ta' daww li wiegħbu l-istħarriġ tal-Ewrobarometru fl-2013 f'Ċipru jaħsebu li l-finanzjament tal-partiti politiċi huwa trasparenti u sorveljat biżżejjed (il-medja fl-UE hija 22 %).⁴³ Qasam partikolari ta' tħassib huwa l-prattika li self jiġi klassifikat bħala tip ta' appoġġ finanzjarju għall-partiti politiċi.

Approċċ strateġiku komprensiv lejn il-korruzzjoni

Imwaqqaf fl-2003, il-Korp ta' Koordinazzjoni kontra l-Korruzzjoni għandu mandat biex jiżviluppa strateġija kontra l-korruzzjoni (li għadha ma teżistix), jevalwa leġiżlazzjoni kontinwament u jipproponi inizzjattivi ġodda. Il-Korp ma ssodisfax il-mandat tiegħu. L-ebda istituzzjoni ma tikkoordina l-ħidma fuq il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, jew tassigura segwitu tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Awditjar għal ġestjoni iżjed effiċjenti tal-infiq pubbliku. Eżempju wiehied ta' rakkomandazzjoni jikkonċerna l-ippjanar tal-Gwardja Nazzjonali, li kienet bniet imħażen bi spiża konsiderevoli u kkonvertiethom għal użu differenti f'tit qabel ma tlestew.⁴⁴ F'każ ieħor, l-Uffiċċju tal-Awditjar innota dgħufijiet u nuqqasijiet sinifikanti fil-kontroll u l-monitoraġġ tal-kontribut tal-awtoritajiet lokali għal proġetti urbani.⁴⁵ Transparency International issuġġeriet li għandu jkun hemm istituzzjoni indipendenti, bil-baġit proprju tagħha, li tiffoka biss fuq il-prevenzjoni, l-identifikar u l-investigazzjoni tal-korruzzjoni.⁴⁶ Approċċ iżjed strateġiku jista' jibni fuq analiżi tar-riskji tal-korruzzjoni, bħal pereżempju daww li jinħolqu meta kunsilliera lokali jieħdu deċiżjonijiet dwar it-tqassim mill-ġdid tal-art f'żoni għal użu agrikolu, industrijali jew domestiku.

Attwalment, l-amministrazzjoni pubblika ma twettaqx evalwazzjonijiet ta' riskji mill-korruzzjoni. Fl-2013 il-gvern ħatar kummissarju biex jissorvelja pjani biex jitjiebu r-responsabbiltà u t-trasparenza tas-settur pubbliku billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri, tiġi introdotta l-mobilità tal-persunal fi ħdan is-servizzi u titħaffef l-introduzzjoni tal-gvern elettroniku — dawn il-miżuri għandhom il-potenzjal li jwaqqfu l-korruzzjoni.⁴⁷

it-Trasparenza tal-Finanzjament tal-Partiti, 2011

http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoEval3%282010%299_Cyprus_Two_EN.pdf.

41 Taqsima 5(3) tal-Liġi dwar il-Partiti Politiċi.

42 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoRC3%282012%2924_Cyprus_EN.pdf.

43 Ewrobarometru Flash 374 tal-2013.

44 Uffiċċju tal-Awditjar tar-Repubblika ta' Ċipru, Rapport Annwali 2011,

<http://www.audit.gov.cy/audit/audit.nsf/All/BC38CBA65D3FC0A1C2257AD0002B2758?OpenDocument>.

45 Ibid.

46 http://www.transparencycyprus.org/el/wordpress/wp-content/uploads/2013/04/TIC_Suggestions_Anticorruption-Measures_english_March-13.pdf.

47 Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Ċipru, Mejju 2013, p. 5, http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/nd/nrp2013_cyprus_en.pdf

Il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, li l-membri tagħha jinħatru mill-President għal mandat ta' sitt snin, jissorveljaw il-ħatra u l-promozzjoni ta' membri tas-servizz ċivili.⁴⁸ Tista' timponi pieni dixxiplinarji fuq membri tas-servizz ċivili, minn multa għal irtirar obbligatorju. Madankollu, il-Kummissjoni jonqosha setgħat investigattivi. Ma tistax tiegħu azzjonijiet fuq inizjattiva proprja tagħha, iżda biss abbażi ta' fajls imressqa minn istituzzjonijiet oħra. Id-deċiżjonijiet jissejsu fuq l-evidenza li jkun fihom dawn il-fajls. Il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku rrapportat 14-il każ dixxiplinarju fl-2012, erbgħa każijiet fl-2011, ħamsa fl-2010 u 11 fl-2009. Mill-għaxar membri tas-servizz ċivili ddixxiplinati fl-2012, sebgħa ngħataw twissija u tlieta ġew immultati minn EUR 1 000 sa EUR 2 000.⁴⁹

Il-Kummissjoni Indipendenti li Tinvestiga Ilmenti kontra l-Pulizija (IAIAC) għandha l-kompetenza biex tinvestiga allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fi ħdan il-forza tal-pulizija. Maħtura mill-Kunsill Ministerjali għal mandat ta' ħames snin, l-IAIAC tista' twettaq investigazzjonijiet kriminali, u taħtar investigaturi u esperti addizzjonali meta jkun hemm bżonn. Fl-2010, minn 137 ilment li ttrattat il-Kummissjoni, wieħed biss kien jikkonċerna l-korruzzjoni. L-Avukat Ġenerali jiddeċiedi għandhomx jinb dew proċeduri kriminali. Jekk il-kwistjoni titqies bħala ta' natura mhux kriminali, il-Kap tal-Pulizija flimkien mat-Taqsima tal-Istandards Professjonali (fi ħdan il-Forza tal-Pulizija) jiddeterminaw jekk għandhiex tittieħed azzjoni dixxiplinarja. Skont rapport tal-IAIAC tal-2010, il-pulizija naqset milli ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-IAIAC u semmiet l-investigazzjoni parallela li kienet qed tmexxi hi permezz tat-Taqsima tal-Istandards Professjonali.⁵⁰

L-akkwist pubbliku

L-akkwist ta' xogħolijiet, prodotti u servizzi pubbliċi jikkostitwixxi 10,5 % tal-PDG ta' Ċipru.⁵¹ Il-valur ta' sejħiet għal offerta ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, bħala persentaġġ tal-ispiża totali fuq xogħolijiet, prodotti u servizzi pubbliċi, kien 56,6 % fl-2007 u 49,1 % fl-2010.

Prattika tajba: regoli dwar l-akkwist pubbliku

Liġi speċifika tirregola kunflitti ta' interess ta' membri tas-servizz ċivili responsabbli għall-akkwist⁵² u t-Teżor ħejja kodiċi nazzjonali ta' kondotta għall-akkwist.⁵³ Skont dan il-kodiċi, membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni jridu jiffirmaw dikjarazzjoni ta' integrità, imparzjalità u kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksub huma u jaqdu dmirijiethom. Huma obbligati wkoll li jikxfu kull kunflitt ta' interess. Barra minn hekk, l-ġhoti ta' kuntratt permezz ta' proċedura negozjata jeħtieġ l-approvazzjoni tad-Direttorat tal-Akkwist Pubbliku nazzjonali. It-traspożizzjoni tad-direttivi tal-UE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, inklużi salvagwardji kontra l-korruzzjoni, tapplika wkoll għal kuntratti li jaqgħu taħt il-limiti. Ġew aġġornati l-proċeduri għall-analiżi tal-appelli fi ħdan l-Awtorità ta'

48 L-Artikolu 124 tal-Kostituzzjoni. L-Artikolu 4 tal-Liġi tas-Servizz Ċivili.

49 [http://www.psc.gov.cy/psc/psc.nsf/All/D2EBEE16A706E7F9C2257BDA0037CE9D/\\$file/Etisia%20Ekthesi%202012.pdf?OpenElement](http://www.psc.gov.cy/psc/psc.nsf/All/D2EBEE16A706E7F9C2257BDA0037CE9D/$file/Etisia%20Ekthesi%202012.pdf?OpenElement) pp. 19, 28.

50 Kummissjoni indipendenti li qed tinvestiga ilmenti kontra l-pulizija

[http://www.iaiacap.gov.cy/iaiacap/iaiacap.nsf/All/8B928C6733FDC232C225794A003E89AA/\\$file/%CE%95%CE%9A%CE%98%CE%95%CE%A3%CE%97%20%CE%91%CE%A1%CE%A7%CE%97%CE%A3%202010.pdf?OpenElement](http://www.iaiacap.gov.cy/iaiacap/iaiacap.nsf/All/8B928C6733FDC232C225794A003E89AA/$file/%CE%95%CE%9A%CE%98%CE%95%CE%A3%CE%97%20%CE%91%CE%A1%CE%A7%CE%97%CE%A3%202010.pdf?OpenElement).

51 http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/docs/indicators2010_en.pdf

52 Abbażi tal-Liġi tal-2006 (N 12/06).

53 www.treasury.gov.cy/.../Εθνικός%20Κώδικας%20Δεοντολογίας.pdf.

Reviżjoni tal-Offerti.⁵⁴ Qed jintuża l-akkwist elettroniku (5 355 kuntratt mogħtija fl-2012) u bażi tad-dejta għal sejħiet għal offerti hija disponibbli għall-pubbliku.⁵⁵ Il-benefiċċji tal-akkwist elettroniku jinkludu aktar trasparenza, proċeduri mħaffa u iżjed kompetizzjoni.

Ir-Regoli għall-Koordinazzjoni tal-Proċeduri għall-Għoti ta' Kuntratti ta' Xogħolijiet Pubbliċi, ta' Provviżta u ta' Servizz tal-2007 għandhom l-għan li jwasslu għal trasparenza, trattament ugwali u imparzjalità. Bordijiet tal-offerti, kumitati tal-evalwazzjoni u awtoritajiet kontraenti huma meħtieġa jżommu l-minuti ta' kull laqgħa. L-Avukat Ġenerali, l-Awditur Ġenerali u l-Kontabilist Ġenerali jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat bħala osservaturi indipendenti. Membri tal-korpi involuti fil-proċess tal-akkwist jiffirmaw wegħda li jaqdu dmirijietom b'integrità u imparzjalità. Membri tal-kumitati tekniċi *ad hoc* ma jistgħux jipparteċipaw fl-istess ħin f'korpi involuti fil-proċess tal-akkwist.

Madankollu, l-ebda mekkaniżmu speċifiku ma huwa stabbilit fi ħdan l-awtoritajiet kontraenti li jgħin biex jinstabu prattiki korrotti potenzjali fl-istadji differenti tal-proċess tal-akkwist. L-Awditur Ġenerali jista' jirrevedi kuntratti ta' akkwist pubbliku. L-indipendenza finanzjarja tal-Awditur Ġenerali tibqa' teħtieġ li tissaħħaħ iżjed, kif ġie rimarkat matul il-monitoraġġ ta' qabel is-sħubija mill-Kummissjoni Ewropea.⁵⁶ Ċipru bħalissa qed tirrevedi proċeduri għall-ħatra ta' membri tal-bordijiet superviżorji ta' kumpaniji statali.

Għalkemm haġġu fil-beraħ ftit każijiet ta' korruzzjoni fl-akkwist pubbliku, 55 % tal-kumpaniji li ġew mistharra li haġu sehem f'sejħa għal offerti jew fi proċess tal-akkwist fl-aħħar tliet snin isostnu li l-korruzzjoni waqfithom milli jirbħu l-kuntratt (it-tielet l-ogħla persentaġġ fl-UE), kif ġie rappurtat fl-istħarriġ dwar in-negozju tal-Ewrobarometru fl-2013. Dawk li haġu sehem fl-istħarriġ enfasizzaw speċifikazzjonijiet maħsuba apposta għal kumpaniji partikolari (80 %), kunflitti ta' interess fl-evalwazzjoni tal-offerti (76 %), offerti miftiehma (68 %), abbuż tal-proċeduri negozjati (62 %), għażla mhux ċara jew kriterji ta' evalwazzjoni mhux ċari (61 %) u emenda tat-termini kuntrattwali wara li l-kuntratt ikun ġie konkluż (⁵⁷ 67 % ta' dawk li wiegħbu mill-qasam tan-negozju jaħsbu li l-korruzzjoni hija mifruxa sew fil-livell nazzjonali (medja tal-UE ta' 56 %) u 61 % – f'kuntratti ġestiti mill-awtoritajiet lokali (medja tal-UE ta' 60 %). Filwaqt li dan ma jfissirx li neċessarjament hemm rabta diretta mal-korruzzjoni, dawn l-indikaturi juru l-fatturi ta' riskju li jżidu d-dgħufijiet u l-punti vulnerabbli quddiem il-korruzzjoni fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku.

3. PASSI FUTURI

Ċipru wriet li hija impenjata biex twaqqaf u tindirizza l-korruzzjoni billi temenda l-leġislazzjoni u tistabbilixxi l-Korp ta' Koordinazzjoni kontra l-Korruzzjoni. Madankollu, l-għadd żgħir ta' każijiet investigati, li tressqu l-qorti jew li ġew aġġudikati f'Ċipru jindika li hemm il-ħtieġa li tissaħħaħ is-sistema ta' infurzar u li jiġu implimentati salvagwardji ta' trasparenza u ta' integrità li jiffaċilitaw is-sejba u l-għbir ta' evidenza. Huma neċessarji sforzi addizzjonali sabiex jiġu assigurati koordinazzjoni iktar mill-qrib mal-korpi rilevanti, żvelar effettiv tal-assi u tal-kunflitti ta' interess, u aktar trasparenza fil-finanzjament tal-partiti politiċi, kif ukoll fl-akkwist pubbliku.

54 Awtorità ta' Reviżjoni tal-Offerti, Rapport Annwali 2011, [http://www.tra.gov.cy/aap/aap.nsf/All/C7EDC1BC58FE8C9BC2257AD0003B9A28/\\$file/EtisiaEkthesi2011.pdf?OpenElement](http://www.tra.gov.cy/aap/aap.nsf/All/C7EDC1BC58FE8C9BC2257AD0003B9A28/$file/EtisiaEkthesi2011.pdf?OpenElement).

55 <https://www.eprocurement.gov.cy/ceproc/viewInfo.do?section=statistics>
http://www.treasury.gov.cy/treasury/publicpro/ppro.nsf/dmlstatistical_gr/dmlstatistical_gr?OpenDocument.

56 Kummissjoni Ewropea, Rapport ta' monitoraġġ komprensiv dwar il-preparazzjonijiet ta' Ċipru għal sħubija, 5 ta' Novembru 2003, p. 48, http://ec.europa.eu/enlargement/archives/pdf/key_documents/2003/cmr_cy_final_en.pdf.

57 Ewrobarometru Flash 374 tal-2013.

Il-punti li ġejjin jeħtieġu aktar attenzjoni:

- It-tiżhij tar-**reġim dixxiplinarju għall-membri tas-servizz ċivili**, u s-simplifikazzjoni ta' proċeduri biex tiġi assicurata investigazzjoni effettiva ta' korruzzjoni fil-pulizija. L-iżgurar ta' koordinazzjoni effettiva ta' politiki kontra l-korruzzjoni billi **istituzzjoni ta' koordinazzjoni** tingħata s-setgħat neċessarji.
- L-introduzzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għal **uffiċjali eletti u maħtura** sabiex jiddikjaraw l-assi tagħhom perjodikament u biex jiżvelaw kunflitti ta' interess potenzjali, b'superviżjoni indipendenti u pieni disważivi.
- It-tnaqqis tal-limiti għal **donazzjonijiet lil partiti politiċi**, il-limitazzjoni fuq kumpaniji statali biex jisponsorjaw avvenimenti politiċi, ir-regolazzjoni ta' donazzjonijiet lil kandidati u kampanji elettorali, l-obbligu fuq partiti biex jippubblikaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-kontijiet tagħhom onlajn (inkluża l-identità tad-donaturi), u t-twaqqif ta' superviżjoni esterna tad-dħul u l-infiq ta' kandidati elettorali.
- L-iżvilupp ta' għodod uniformi u effettivi biex tiġi evitata u identifikata l-korruzzjoni fl-**akkwist pubbliku** fil-livell nazzjonali u lokali, inklużi mekkaniżmi ta' kontroll intern u estern u għodod għall-ġestjoni tar-riskji fi ħdan l-awtoritajiet kontraenti.